

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Landesammer für Land- und Forstwirtschaft in Steiermark (Graz, l-Awstrija)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Steirisches Kürbiskernöl g.g.A GESCHÜTZTE GEOGRAFISCHE ANGABE bil-kuluri blu, isfar, aħdar, abjad (krema) – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 10 108 454

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Settembru 2020 fil-Każ R 2186/2019-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 59(1)(a) moqri flimkien mal-Artikolu 7(1)(i) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2020 – Beelow vs EUIPO (made of wood)

(Kawża T-702/2020)

(2021/C 28/92)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Timo Beelow (Wuppertal, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Vogtmeier, avukata)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: l-applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni “made of wood” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 061 410

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Settembru 2020 fil-Każ R 108/2020-2

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-kawża kif ukoll għall-ispejjeż marbuta mal-proċedimenti ta' appell.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2020 – OI vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-705/20)**

(2021/C 28/93)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* OI (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni li ma tinkludix ismu fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni interna COM/03/AD/1;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat, prinċipalment, fuq l-assenza ta' motivazzjoni rilevanti. Ir-rikorrent iqis fil-fatt li l-motivazzjoni hija kkostitwita minn evalwazzjonijiet letterali li ma humiex koerenti mal-marki mogħtija. Barra minn hekk, il-Bord tal-Għażla ma kkomunikax il-kriterji tal-għażla adottati qabel l-eżamijiet, b'tali mod li la r-rikorrent u lanqas l-Awtorità tal-Ħatra ma kienu f'pożizzjoni li jivverifikaw il-legalità ta' dawn il-kriterji.
2. It-tieni motiv ibbażat, sussidjarjament, fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni mwettaq mill-Bord tal-Għażla peress li dan tal-aħħar ma kienx f'pożizzjoni li jiġġustifika b'mod suffiċjenti fil-liġi n-nuqqasijiet ta' koerenza manifesti bejn l-evalwazzjonijiet letterali u l-marki mogħtija, fid-dawl tal-paragun mal-evalwazzjonijiet paragunabbli ta' kandidati oħrajn.

Rikors ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2020 – Skyworks Solutions vs EUIPO – Sky (Sky5)**(Kawża T-707/20)**

(2021/C 28/94)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrenti:* Skyworks Solutions, Inc. (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentant: A. Muir Wood, Barrister)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Sky Ltd (Isleworth, ir-Renju Unit)